MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 1/2006

**Stanley Spiteri**

**vs**

**Eileen Bonett**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Jannar, 2006, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"Dan l-arbitragg jirrigwarda kollizjoni awtomobilistiku li sehhet fit-23 ta' Novembru 2003 fi Triq Cassarino, San Pawl il-Bahar. L-attur qed jitlob li l-konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghall-incident in kwistjoni u kundannata thallas l-ammont ta' Lm2500 danni subiti mill-attur in konsegwenza ta' l-incident, bl-ispejjez ta' l-arbitragg u l-

ittra legali tal-25 ta’ Settembru 2004 u l-imghax legali mid-data ta’ l-incident.

Il-konvenuta eccepiet li l-incident sehh minhabba negligenza ta’ l-attur li ma zammx proper lookout u ghalhekk ma hix obbligata taghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur.

Provi

L-attur ipprezenta affidavit tax-xiehda tieghu fejn qal li dakinhar ta’ l-incident ghall-habta tas-5.45 p.m. kien isuq bi speed baxx il-motorcycle numru JAZ 991 minn Triq il-Pijunieri u kiser go Triq Cassarino. Hu kien isuq bi speed baxx ta’ xi 25 mil fis-siegha peress li qabel kiser ghal Triq Cassarino. Waqaf biex jitlob direzzjoni lill-pillion rider li kellu mieghu. Kif kien isuq u wasal biex jaqbez l-inkrocju ma’ Triq Smith fuq ix-xellug tieghu, beda jissorpassa jeep ipparkeggjata fuq ix-xellug fi Triq Cassarino minghajr ma qabez nofs it-triq. Kif qed jaghmel din il-manuvra lemah il-vettura STE 188 hierga wrong side minn fejn kienet ipparkeggjata mal-bankina wiccu lejh fuq ix-xellug tieghu ftit ‘il fuq mill-jeep. Ghafas il-brakes pero il-vettura dahlet go fih. Id-daqqa fil-mutur kienet frontali filwaqt li tal-vettura STE 188 kienet fuq il-pinna leminija. Il-vettura spiccat angolata f’nofs it-triq u l-mutur spicca taht ir-rota tal-lemin tal-vettura. Bejnu u l-bankina tax-xellug, wara l-habta, kien hemm spazju kemm kemm tghaddi karozza. Hu ma qabilx ma’ l-isketch ghax il-mutur spicca bil-wara tieghu kwazi jmiss mal-jeep. Tal-jeep telaq wara l-habta. Hu zied li l-konvenuta skuzat ruhha u qaltlu li ma ratux. Fil-kontro ezami xehed li ra l-karozza l-ewwel darba tul ta’ metru u nofs minnu u kienet fuq in-naha tieghu tat-triq. Ma nnotax xi speed kellha. Hu kien ‘il barra mill-jeep xi pied. Hu zied li d-daqqa kienet qawwija. Naqqas xi ftit l-ispeed f’salib it-toroq. Qabel ma beda jaqbez ma kellux vizwali tajba.

Is-Surgent 614 Saviour Garzia xehed li hu nvestiga l-incident. L-isketch mhux to scale u l-art fil-hin ta’ l-incident ma kinitx kompletament niexfa. Ma hemmx white line f’nofs it-triq. Il-parti fejn sehh l-incident hi dritta u ‘l fuq hemm kurvatura. It-triq mhix wiesgha bizzejjed biex zewg

vetturi jghaddu biswit xulxin minghajr ma jaqbzu nofs it-triq. L-indikazzjoni li ha mid-debris kienet li l-incident sehh ghal nofs it-triq.

Il-konvenuta Eileen Bonett xehdet li kienet issuq il-vettura STE 188 fid-dritt fi Triq Cassarino u dan bi speed normali. Fuq ix-xellug taghha kien hemm diversi karozzi pparkjati u fuq il-lemin fil-kurvatura ma’ Triq Smith kien hemm vettura pparkjata. Ma kienx hemm traffiku fid-dritt. Kienet issuq max-xellug fit-triq ghax it-triq mhix wiesgha hafna u tesa’ bl-ezatt tliet karozzi. Fuq il-lemin hemm double yellow line fil-kantuniera. Kien ghadu d-dawl u l-art kienet niedja. Kienet miexja fid-dritt meta sabet il-mutur gej ghal fuqha tul ta’ karozza boghod minnha minn wara karozza wieqfa fuq il-lemin taghha. Kien miksur lejha u kien isuq bi ftit speed. Ghalkemm ipprovat tikser max-xellug ma kellhiex spazju minhabba l-karozzi pparkjati. Waqfet mad-daqqa minghajr ma zammet brake. Il-hsara fil-vettura taghha kienet mal-mudguard tal-lemin.

Fil-kontro ezami qalet li qabel bdiet issuq kienet ipparkjata quddiem id-dar 12 u 13 Triq Cassarino. Il-jeep kienet tostakola l-vista tal-kantuniera.

Il-pillion rider tal-mutur Rowena Farrugia ghamlet affidavit li ftit jew wisq ikkonfermat ix-xiehda ta’ Stanley Spiteri. Dan l-affidavit sar f’Malta izda llum, skond ix-xiehda ta’ l-istess Stanley Spiteri, din emigrat l-Awstralja u ma indika ebda indirizz. Il-konvenut talab l-isfilz ta’ l-affidavit minhabba nuqqas ta’ possibilita ta’ kontro ezami.

Konsiderazzjonijiet

L-esponenti ghamel access fuq il-lok ta’ l-incident u seta’ jikkonstata illi Triq Cassarino hi twila u dritta mill-parti ta’ Triq il-Pijunieri mnejn kien gej Stanley Spiteri. It-triq tinfetah ftit fl-inkrocju ma’ Triq Smith u mbaghad tikkurva ftit u ssir ftit ghat-telgha mill-inkrocju aktar ‘il quddiem. Hu pacifiku bejn il-partijiet illi mix-xellug ta’ Triq Cassarino fl-inkrocju ma’ Triq Smith kien hemm vettura pparkjata hazin fuq id-double yellow line. Mill-parti li kienet niezla Eileen Bonett vetturi jipparkjaw fuq ix-xellug u anki fuq il-lemin

bejn il-garages tal-propjetajiet li hemm fit-triq. Din tirrendi l-parti tat-triq mnejn kienet niezla Eileen Bonett pjuttost dejqa tant li zewg vetturi jghaddu nkaxxati jekk ikun hemm vettura ohra pparkjata ma’ naha jew ohra tat-triq.

Madankollu l-esponenti seta’ jikkonstata illi l-vizwali ta’ Stanley Spiteri minn naha ta’ Triq il-Pijunieri hi tajba u testendi sew fid-dritt fi Triq Cassarino kemm-il darba wiehed ikun isuq mhux inkaxxat max-xellug.

Il-vizwali ta’ Eileen Bonett ukoll kienet tajba pero mhux dritta u ghat-tul daqs ta’ Spiteri minhabba l-kisra fit-triq. Ma hemmx linji fit-triq u kif inghad bil-vetturi pparkjati fuq kull naha tat-triq ma jistax wiehed ighid min hu fuq in-naha tieghu tat-triq. Ir-regola f’tali toroq hi ta’ sewqan bi prudenza u attenzjoni.  Il-pulizija li nvestiga l-incident xehed li ghalih l-incident sehh ghal nofs it-triq.  Il-partijiet jaqblu li raw lil xulxin fl-ahhar mumenti qabel l-impatt.

Il-kawza li tat lok ghal dan l-incident kienet il-vettura pparkjata hazin fuq ix-xellug tat-triq fil-kantuniera ma’ Triq Smith.  Stanley Spiteri jixhed li biex ikompli jsuq oltre l-inkrocju kellu bilfors johrog ‘il barra fit-triq.  Dan jirrizulta li ghamlu minghajr ma waqaf biex jesplora dak li kien gej mill-faccata tieghu.  Biex hareg minn wara l-vettura pparkjata jfisser li kien ‘il gewwa hafna fit-triq u ma kien qed jara xejn.  Mill-access irrizulta li Stanley Spiteri kellu vizwali tajba hafna quddiemu minn distanza hafna qabel l-inkrocju ma’ Triq Smith u billi ma kienx gej traffiku minn ebda naha tat-triq seta’ saq ‘il barra bizzejjed minghajr ma jxaqleb ghan-naha l-ohra biex jilmah traffiku gej lejh u jiehu l-prekawzjonijiet necessarji u fl-istess waqt jaghmel ruhu vizibbli ghal traffiku gej lejh mid-direzzjoni opposta. Dan l-obbligu ta’ Stanley Spiteri jirrizulta b’mod car mill-artiklu 72 tal-Kodici tat-Traffiku fit-triq.  L-ostakolu fit-triq kien quddiemu fuq ix-xellug u kien l-obbligu tieghu li joqghod attent u ma jikkrejax sitwazzjonijiet ta’ periklu ghall-oncoming traffic billi jaghmel kif ghamel u, cioe li johrog minn wara vettura pparkjata minghajr ma jiehu ebda prekawzjoni.  Stanley Spiteri bil-manuvra tieghu effettivament issorpassa vettura pparkjata tant vicin li

meta ssorpassa l-ispazju kien ristrett u l-vizibilita ma kinitx tippermetti li jaghmel dan bla periklu.

Kif inghad it-triq mhix wiesgha u bil-vetturi pparkjati fuq kull naha t-triq tidjieq aktar. Waqt l-access irrizulta illi l-lok imnejn bdiet issuq Eileen Bonett kif xehdet hi stess waqt is-seduti b’indikazzjoni preciza tal-lok, hu ‘l fuq fit-triq, circa tul ta’ hames jew sitt korozzi mnejn sehh l-incident u man-naha l-ohra tat-triq mhix man-naha ta’ fejn kien hemm il-vettura pparkjata fl-inkrocju ma’ Triq Smith. Ix-xiehda ta’ Stanley Spiteri li Eileen Bonett hargitlu minn wara l-vettura pparkjata hi ghal kollox errata minhabba li kienet niezla ghad-dritt bejn il-karozzi pparkjati. Il-fatt li l-kollizjoni sehhet ghal nofs it-triq mhix indikazzjoni ta’ sewqan hazin da parti ta’ Eileen Bonett. Ma hemmx prova li hi b’xi mod ikkontribwiet ghal dan l-incident. L-incident, kif inghad, sehh ghaliex Stanley Spiteri kellu ostakolu quddiemu u ried johrog minn warajh f’parti tat-triq li hi dejqa. Hu ghamel dan minghajr ma ha prekawzjonijiet u minghajr ma ha pozizzjoni adegwata minn qabel, kif kellu l-opportunita li jaghmel, biex jipprevedi emergenzi u sab il-vettura ta’ Bonett faccata tieghu kif appena hareg minn wara l-vetturi pparkjati. Infatti z-zewg sewwieqa jghidu li lemhu lil xulxin fit-triq boghod minn xulxin. Din hi verosimili peress li Spiteri kien isuq wisq lejn ix-xellug tat-triq u hareg fl-ahhar mument minn wara l-vettura pparkjata fuq ix-xellug tieghu u Eileen Bonett mill-pozizzjoni taghha fit-triq, ma setghetx tinduna qabel bil-mutur ta’ Stanley Spiteri peress li dan ma kienx vizibbli stante l-pozizzjoni adottata minnu, u l-fatt li meta sporga ‘l barra, Eileen Bonett kienet vicin wisq biex tevita l-kollizjoni ghalkemm fl-ispazju limitat pprovat tikser ftit.

L-incident sehh primarjament minhabba l-ostakolu impost mill-jeep Maruti wieqfa illegalment fuq id-double yellow line fil-kantuniera ma’ Triq Smith li gieghel lil Stanley Spiteri jaghmel il-manuvra li waslet ghall-incident, pero s-sewwieq ta’ din il-vettura mhux parti in kawza u ghalhekk fic-cirkostanzi, l-esponenti jissottometti illi kien Stanley Spiteri li ma hax prekawzjonijiet adattati minn qabel biex jassigura vizwali cara tat-triq quddiemu kif kellu opportunita u lok li jaghmel u ma jesporgix minn wara

ostakolu fit-triq u jimpedixxi l-flow of traffic normali fic-cirkostanzi.

Ghalhekk l-arbitru jaqta' u jiddeciedi illi l-incident in kwistjoni sehh bi htija unikament ta' l-attur Stanley Spiteri u t-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ta' dan l-arbitragg kollha kontrih."

Ir-rikorrenti Stanley Spiteri hassu aggravat bil-lodo ta' l-Arbitru u appella minnu quddiem din il-Qorti b' aggravju li hu jghid li jirrientra fl-ambitu ta' l-Artikolu 70A ta' l-Att II ta' l-1996 dwar L-Arbitragg. Skond l-appellant il-punt bazilari li l-Arbitru kellu jikkonsidra, u naqas li jaghmel, kienet il-manuvra ta' l-appellata meta din harget minn posizzjoni ta' parkegg minghajr ma esplorat it-triq sew, minghajr attenzjoni u prudenza, u bla ebda senjalazzjoni ta' l-intenzjoni taghha;

It-twegiba ta' l-appellata ghal dan l-ilment hi duplici. Fl-ewwel lok li l-appell interpost ghandu jitqies irritu u null billi ma jikkontjeni ebda punt ta' ligi. Sekondarjament, illi l-apprezzament ta' fatt maghmul mill-Arbitru dwar id-dinamika ta' l-incident hu korrett u jimmerita debita konferma;

Huwa bil-wisq logiku, in vista tal-pregudizzjali mqanqla mill-appellata, illi din il-Qorti ghandha qabel xejn tiddetermina jekk kienx hemm jew le punt ta' ligi involut fl-appell li gie deciz malament mill-Arbitru b' mod li aggrava lill-appellanti u li kellu allura jigi rivedut minn din il-Qorti;

Jirrizulta mill-inkartament tal-kaz quddiem l-Arbitru, maghzul mill-partijiet, illi gew hemmhekk precizati definittivament il-fatti li taw lok ghall-incident. L-Arbitru ghamel apprezzament tieghu dwarhom u ghadda ghal gudizzju. Terminat dan l-istadju tad-deliberazzjoni u tad-decizjoni ma jidherx li ghandu jkun hemm kwestjoni illi mhux aktar possibbli li quddiem din il-Qorti ta' revizjoni tigi

proposta ri-valutazzjoni tal-fatti. In fatti a norma ta' l-Artikolu 70A din il-Qorti ghandha tikkunsidra l-appell biss jekk tkun sodisfatta li dan tabilhaqq jikkontjeni punt ta' ligi;

Issa l-appellanti qed jippretendu li b' dawk l-istess fatti emergenti mir-rizultanzi istruttorji l-Arbitru ghamel gudizzju errat ta' punt ta' dritt. B' mod generiku huwa jippostula l-allegazzjoni esplicita ta' zball ta' punt ta' dritt fir-rispett ta' l-elementi ta' fatt accertati. Fl-istess waqt li jissottometti dan huwa jonqos milli jhares id-dispost ta' l-Artikolu 70B (1) tal-Kapitolu 387 li jipprovdi li l-appellanti ghandu jidentifika l-punt ta' dritt li ghandu jittiehed decizjoni dwaru;

Gja gie rilevat *supra* illi mhux konsentit f' din is-sede ri-ezami tal-fatti tal-kaz. Dan ghaliex skond il-volonta espressa tal-partijiet infushom l-valutazzjoni tal-fatti u tal-provi giet rimessa minnhom lill-Arbitru u tali valutazzjoni mhix sindakabbli minn din il-Qorti. Lanqas ma jista' jkun proponibbli appell fil-kaz ta' lakuni ta' stharrig mill-Arbitru ta' dawk l-istess fatti u provi, kif hekk manifestament jidher li hu l-aggravju ta' l-appellanti f' dan il-kaz;

Fuq kollox, kif gja nghad ukoll, minn irid jimpunja sentenza arbitrali ghandu l-oneru li jidentifika l-principju ta' dritt li hu jidhirlu li gie vjolat (u mhux sempliciment il-kap tad-decizjoni li hu jintendi jikkontesta), u kif u fejn l-Arbitru ddiskosta ruhu minn tali principju. Certament mhux sufficjenti s-semplici kritika tad-decizjoni sfavorevoli, formulta bi prospettazzjoni ta' interpretazzjoni diversa u allura izjed favorevoli, minn dik ta' l-Arbitru. Dan ghaliex talba konsimili ma tistax hlief titraduci ruhha in sostanza f' rikjesta ta' accertament *ex novo* tal-fatti, u dan huwa inammissibbli. Fil-kaz *de quo*, gjaladarba *ope legis* din il-Qorti mhix abilitata li tindaga ulterjorment fil-fatti probatorji, ic-censura dedotta mill-appellanti quddiem din il-Qorti fil-kontestazzjoni tal-lodo ta' l-Arbitru, u in kwantu din tattjeni ruhha *sic et simpliciter* ghall-valutazzjoni tal-provi, ma tista' qatt tkun ammissibbli. Ferma din il-konkluzjoni s-sottomissjonijiet ta' l-appellanti ma jistghux ikunu lilu ta'

vantagg ghall-akkoljiment ta' l-aggravju. Dan anke ghaliex dawk l-istess sottomissjonijiet ma jistghux hlief jitqiesu semplici pretesti biex jintroducu punt ta' dritt fejn dan ma jezistix. Il-pregudizzjali ta' l-inappellabilita` opposta mill-appellata qed tigi konsegwentement milqugha;

In vista tal-premessa konkluzjoni mhux il-kaz li din il-Qorti tidderimi ebda argoment lilha devolut, hlief forsi biex taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet limitativi dwar certi aspetti li tqanqlu mill-appellanti:-

(1) L-appellanti jislet b' suffragju mis-sentenza "**James Attard -vs- Alfred Desira**", Appell, 21 ta' Mejju 1986, l-osservazzjoni illi vettura pparkjata hazin qatt ma tista' tkun kagun ta' incident awtomobilistiku. Din il-fehma pero` tinsab sew ikkritikata fis-sentenza "**Albert Grech -vs- John Attard**", Appell, 29 ta' Ottubru 1999. Fiha nghad, b' referenza ghal dik id-decizjoni l-ohra, illi l-Qorti ma tikkondividix il-fehma li l-waqfien f' post perikoluz ta' vettura ma setax ikun fattur kontributorju li jipprovaka s-sinistru jew li kellu jigi biss konsidrat bhala agir kontravenzjonali li bl-ebda mod ma kellu xi rifless fuq ir-responsabilita` ghas-sinistru. L-istess Qorti anzi irriteniet illi fejn l-infrazzjonijiet kontravenzjonali jkunu provati li pprovokaw l-incident jew ikkontribwew ghalih dawn kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-iskop li jigi stabbilit kif kellha tigi addebitata r-responsabilita`;

(2) Sewwieq li jigi biex jissorpassa vettura, anke wahda li tkun wieqfa, kellu qabel xejn jaccerta ruhu li t-triq kienet libera, almenu ghal dik il-parti taghha biex seta' jaghmel il-manuvra, u dan bla nkonvenjent u bla tfixkil ghall-*oncoming trafic*. Ara a propozitu f' dan is-sens **Kollez. Vol. XLV P I p 253**; "**Il-Pulizija -vs- Spiru Zammit**", Appell Kriminali, 14 ta' Frar 1962 u "**Paolo Gauci -vs- Francis Frendo**", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1974;

Anke allura minn dawn il-ftit riflessjonijiet, ottenuti f' gurisprudenza pacifika, din il-Qorti ma tarax kif tista' tammetti certi argomenti ta' l-appellanti. Minn dan isegwi li l-appell ifalli anke fuq din il-bazi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha maghmula, kompriz l-akkoljiment tal-pregudizzjali sottomessa mill-appellata, tichad l-appell, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------